KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fl-24 ta' Marzu 2022 [1]

Kawża C-633/20

Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände - Verbraucherzentrale Bundesverband e.V.
vs
TC Medical Air Ambulance Agency GmbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja))

Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi – Libertà ta' stabbiliment – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Kunċett ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni – Assigurazzjoni ta' grupp – Offerta lill-konsumaturi tal-possibbiltà li jaderixxu għal assigurazzjoni ta' grupp

I. Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta numru ta' kunċetti li jintużaw fid-Direttivi 2002/92/KE [2] u (UE) 2016/97 [3]. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' tippermettilha tiddeċiedi jekk il-konvenuta fil-kawża prinċipali hijiex "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens taż-żewġ direttivi.

2. Din il-kawża tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza l-istruttura legali speċifika li hija frott il-prattika. Din tirrigwarda l-assigurazzjoni ta' grupp. Din l-istruttura għandha nisel inċert – u skont xi sorsi – anki infami. Jingħad li wara l-oriġini tagħha, li tmur lura għas-seklu XIX, hemm il-kuntratti redatti minn negozjanti ta' skjavi bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tagħhom. Fuq il-bażi ta' tali kuntratti, l-assiguratur kien jintrabat li jħallas ċertu ammont ta' flus fil-każ ta' mewt ta' skjav [4].

3. F'sentenza mogħtija madwar xahar ilu l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "impriża detentriċi tal-polza", li tkun ikkonkludiet kuntratt kollettiv ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta ma' fond ta' kapital tal-assigurazzjoni hija "intemedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2002/92, inkwantu teżerċita, b'korrispettiv ta' remunerazzjoni, attività li tikkonsisti fil-proposta

[1] Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 330).

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (ĠU 2016, L 26, p. 19).

[4] Ara R.H. Jerry, D.R. Richmond, Understanding Insurance Law, LexisNexis, New Providence, 2018, p. 791, nota ta' qiegħ il-paġna 1.

lill-konsumaturi biex jaderixxu għal din l-assigurazzjoni u fil-konklużjoni, f'dan ir-rigward, ta' kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja mal-assiguratur, kif ukoll fil-provvista ta' pariri finanzjarji relatati mal-investiment tal-kapital ikkostitwit minn premiums tal-assigurazzjoni [5].

4. Madankollu, din is-sentenza ngħatat f'kuntest li jiddevja minn dak li jservi bħala sfond għad-domanda preliminari f'din il-kawża. Barra minn hekk ma jidhirx li din is-sentenza xxejjen id-dubji kollha marbuta mal-istruttura legali speċifika tal-assigurazzjonijiet tal-grupp u fi kwalunkwe każ ma twiġibx il-mistoqsija dwar fejn tinsab il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-provvista ta' protezzjoni ta' assigurazzjoni permezz tal-użu ta' assigurazzjoni ta' grupp, li tikkostitwixxi "medjazzjoni tal-assigurazzjoni" u dik il-protezzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta li ma tikkostitwixxix "medjazzjoni ta' assigurazzjoni". Din lanqas ma tirreferi direttament għall-kwistjonijiet ġuridiċi li huma l-oriġini tad-dubji tal-qorti tar-rinviju fil-kawża inkwistjoni.

5. Fl-oriġini tad-dubji tal-qorti tar-rinviju hemm żewġ kwistjonijiet ġuridiċi li huma relatati preċiżament mal-istruttura ġuridika tal-assigurazzjoni ta' grupp fil-forma li fiha topera llum fil-kummerċ. Dawn jikkonċernaw, l-ewwel, il-possibbiltà li jiġu ekwiparati l-"adeżjoni għal assigurazzjoni ta' grupp" ma' "konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, u, it-tieni, il-possibbiltà li jingħaqdu r-rwoli ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" u ta' "detentur ta' polza ta' assigurazzjoni" taħt l-istess ċirkustanzi.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

6. Skont il-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

3. 'medjazzjoni ta' assiguarzzjoni' tfisser attivitajiet ta' introduzzjoni, proposti jew it-twettieq ta' xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, jew li dawk il-kuntratti jiġu konklużi, jew f'għajnuna fl-amministrazzjoni jew twettieq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-każ ta' talba.

   Dawn l-attivitajiet meta mwwttqa minn impriża ta' assigurazzjoni jew impjegat ta' impriża ta' assigurazzjonili jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' impriża ta' assigurazzjoni m'għandhomx jitqiesu bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

   Il-provvista ta' informazzjoni fuq bażi inċidentali fil-kuntest ta' attività professjonali oħra sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx li l-klijent jiġi assistit fil-konklużjoni jew twettieq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni, l-immaniġġar ta' talbiet ta' impriża ta' assigurazzjoni fuq bażi professjonali, l-aġġustament ta' telf u l-istima esperta ta' talbiet m'għandhomx jitqiesu bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

[…]

[5] Ara s-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, A *et* (Kuntratti ta' assigurazzjoni "unit-linked") (C-143/20 u C-213/20, EU:C:2022:118, punti 87 u 88).

5. ‘intermedjarju ta’ assigurazzjoni’ tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li, bi ħlas, tibda jew issegwi medjazzjoni fl-assigurazzjoni”.

2. Id-Direttiva dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni

7. Il-punti 1, 3 u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97 jipprovdi:

“1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva:

(1) ‘distribuzzjoni tal-assigurazzjoni’ tfisser l-attivitajiet ta’ konsulenza, proposti jew it-twettiq ta’ xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta’ kuntratti ta’ assigurazzjoni, ta’ konklużjoni ta’ tali kuntratti, jew ta’ għajnuna fl-amministrazzjoni jew prestazzjoni ta’ dawk il-kuntratti, b’mod partikolari fil-każ ta’ pretensjoni, inkluż l-għoti ta’ informazzjoni li tikkonċerna kuntratt tal-assigurazzjoni wieħed jew aktar skont il-kriterji magħżula mill-klijenti permezz ta’ websajt jew tip ieħor ta’ midja u l-kompilazzjoni ta’ lista tal-klassifika ta’ prodotti tal-assigurazzjoni, inkluż tqabbil bejn il-prezzijiet u bejn il-prodotti, jew tnaqqis fil-prezz ta’ kuntratt tal-assigurazzjoni, meta l-klijent ikun jista’ jikkonkludi direttament jew indirettament kuntratt tal-assigurazzjoni bl-użu ta’ websajt jew tip ieħor ta’ midja;

[…]

(3) ‘intermedjarju tal-assigurazzjoni’ tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika għajr impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jew l-impjegati tagħhom [tagħha] u li ma tkunx intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari, li għal fini ta’ rimunerazzjoni tibda jew twettaq attività ta’ distribuzzjoni tal-assigurazzjoni;

[…]

(8) ‘distributur tal-assigurazzjoni’ tfisser kull intermedjarju tar-riassigurazzjoni, intermedjarju tar-riassigurazzjoni anċillari jew impriża tal-assigurazzjoni”.

B. Id-dritt Ġermaniż

8. Il-leġiżlazzjoni dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni ġiet inkluża fil-paragrafu 34d tal-Gewerbeordnung (il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni tal-Professjonijiet Industrijali, Kummerċjali u Artiġjanali, iktar ’il quddiem il-“GewO”). Din id-dispożizzjoni ġiet emendata matul il-perijodu rilevanti għaċ-ċirkustanzi li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali quddiem il-qorti nazzjonali. L-għan tal-emendi fis-seħħ mit-23 ta’ Frar 2018 kien li d-dritt Ġermaniż isir konformi mad-Direttiva 2016/97.

9. Irrispettivament minn dawn l-emendi, essenzjalment minn din id-dispożizzjoni jirriżulta obbligu li kull persuna li tixtieq taġixxi fil-kapaċità ta’ intermedjarju professjonali bħala sensar tal-assigurazzjoni jew aġent tal-assigurazzjoni għall-konklużjoni ta’ kuntratti tal-assigurazzjoni (“intermedjarju tal-assigurazzjoni”) għandha tikseb permess mill-awtorità industrijali u/jew kummerċjali kompetenti. Persuna li tingħata tali permess titniżżel fir-reġistru korrispondenti.

III. Il-fatti fil-kawża prinċipali, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domanda preliminari

10. Il-konvenuta fil-kawża prinċipali tinkariga lill-fornituri ta' servizzi ta' reklamar joffru lill-konsumaturi, permezz tar-reklamar bieb bieb, il-possibbiltà li jaderixxu, bi ħlas, għat-"TC Medical Air Ambulance Agency GmbH Mitgliedergemeinschaft". L-affiljazzjoni tagħti dritt li wieħed jibbenefika minn diversi benefiċċji f'każ ta' mard jew inċident barra mill-pajjiż. Fost dawn hemm ir-rimbors tal-ispejjeż neċessarji għat-trattament u għat-trasport tal-pazjent, l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' trasport xieraq kif ukoll l-aċċess għal "ċentru ta' allarm" telefoniku.

11. Is-servizzi li għalihom l-affiljazzjoni tagħti dritt jitwettqu, bħala prinċipju, kif tispjega l-qorti tar-rinviju, jew direttament bl-użu tal-assi tal-konvenuta fil-kawża prinċipali, jew permezz ta' krediti li jirriżultaw mill-assigurazzjoni ta' grupp, li l-konvenuta tittrasferixxi lill-klijenti tagħha.

12. Fil-fatt, il-konvenuta hija marbuta b'kuntratt ma' kumpannija li, bl-għajnuna tal-persunal mediku tagħha u permezz ta' ajruplan, tipprovdi parti mis-servizzi għall-konvenuta (indikati mill-qorti tar-rinviju bl-isem ta' "servizzi ta' assigurazzjoni") kif ukoll tiżgura l-organizzazzjoni ta' ċentru ta' allarm erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Għal dan il-għan il-konvenuta tagħtiha r-remunerazzjoni.

13. Barra minn hekk, il-konvenuta kkonkludiet, bħala detentriċi ta' polza ma' kumpannija tal-assigurazzjoni, kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp li bis-saħħa tiegħu l-klijenti tal-konvenuta jirċievu kopertura għal assigurazzjoni għar-riskju ta' mard jew inċident matul vjaġġ barra mill-pajjiż kif ukoll assigurazzjoni għall-ispejjeż ta' trasport nazzjonali u internazzjonali lejn il-post ta' residenza. Il-konvenuta tħallas il-primjums dovuti lill-assiguratur filwaqt li l-membri tal-grupp iħallsulu remunerazzjoni bħala korrispettiv għall-kopertura ta' assigurazzjoni.

14. La l-konvenuta u lanqas il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar ma għandhom awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

15. L-assoċjazzjoni rikorrenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi tqis li l-attività tal-konvenuta tmur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni. Hija ssostni, essenzjalment, li l-konvenuta teżerċita attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni li teħtieġ il-pussess ta' awtorizzazzjoni min-naħa tagħha. Hija żżid li, fi kwalunkwe każ, l-attività tal-konvenuta hija organizzata b'tali mod li jingħata l-impressjoni li l-konvenuta nnifisha kienet tiżgura s-servizzi ta' assigurazzjoni dovuti lill-klijenti tagħha. Huwa għalhekk li l-assoċjazzjoni ppreżentat rikors quddiem il-qorti nazzjonali fejn talbitha tordna lill-konvenuta, bħala talba prinċipali, toqgħod lura milli toffri kuntratti lill-klijenti jew milli tikkummissjona l-offerta ta' kuntratti lill-klijenti, mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa għat-twettiq ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni, għall-adeżjoni fil-grupp ta' persuni assigurati.

16. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet dan ir-rikors. Min-naħa l-oħra, il-qorti tat-tieni istanza, adita b'appell mill-konvenuta, ċaħdet dan ir-rikors. Il-qorti tat-tieni istanza ħadet il-pożizzjoni li intermedjarju tal-assigurazzjoni jista' jkun biss entità li fiha nnifisha la hija d-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni u lanqas l-assiguratur innifsu. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta kkonkludiet il-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp bħala detentriċi tal-polza, f'isimha u għan-nom ta' terzi.

17. Attwalment il-qorti tar-rinviju, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), hija adita b'din il-kawża f'istanza ta' reviżjoni. Din il-qorti tqis li l-fondatezza tar-rikors tiddependi minn jekk, skont id-dritt Ġermaniż, il-konvenuta għandhiex ikollha

awtorizzazzjoni biex taġixxi bħala intermedjarja għall-adeżjoni tal-konsumaturi fl-assigurazzjoni ta' grupp taħt korrispettiv ta' remunerazzjoni. Min-naħa tagħha, ir-risposta għal din id-domanda tiddependi, fl-opinjoni ta' din il-qorti, mill-interpretazzjoni tal-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 (definizzjoni tal-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni") u tal-punti 1, 3, u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97 (definizzjoni tal-kunċetti ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni", ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" u ta' "distributur tal-assigurazzjoni").

18. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2020 li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Novembru 2020, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Impriża li ssottoskriviet għall-klijenti tagħha, fil-kwalità ta' detentur ta' polza ta' assigurazzjoni, assigurazzjoni għall-mard inkors fl-ivvjaġġar barra mill-pajjiż u assigurazzjoni għall-ispejjeż tar-ripatrijazzjoni barra mill-pajjiż u fit-territorju nazzjonali fil-kuntest ta' assigurazzjoni ta' grupp ma' impriża ta' assigurazzjoni, li tbigħ lill-konsumaturi adeżjonijiet li jagħtuhom dritt għall-benefiċċji tal-assigurazzjoni fil-każ ta' mard jew ta' inċident barra mill-pajjiż u li tirċievi remunerazzjoni mħallsa mill-membri affiljati b'korrispettiv għall-kopertura ta' assigurazzjoni akkwistata, hija intermedjarju ta' assigurazzjoni fis-sens tal-[punti 3 u 5 tal-Artikolu 2] tad-Direttiva 2002/92/KE u [tal-punti 1, 3 u 8 tal-Artikolu 2(1)] tad-Direttiva (UE) 2016/97?"

19. Tressqu osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Ġermaniż, mill-Gvern Taljan u mill-Gvern Ċek kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ġermaniż kif ukoll il-Kummissjoni kienu rrappreżentati waqt is-seduta li nżammet fit-12 ta' Jannar 2021.

IV. Analiżi

20. Permezz tad-domanda preliminari tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq li jiġi kkjarifikat jekk il-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 kif ukoll il-punti 1, 3 u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li fid-dawl ta' dawn id-direttivi "intermedjarju ta' assigurazzjoni" hija persuna fiżika jew ġuridika li, fil-kapaċità tagħha bħala detentriċi tal-polza fil-kuntest tal-assigurazzjoni ta' grupp, tassigura lill-klijenti tagħha għar-riskju ta' mard jew ta' inċident waqt vjaġġ barra mill-pajjiż kif ukoll għall-ispejjeż ta' trasport nazzjonali u ta' trasport internazzjonali lejn il-post ta' residenza, tippermetti lil dawn il-persuni[6] l-affiljazzjoni li permezz tagħha jibbenefikaw mis-servizzi ta' assigurazzjoni fil-każ ta' mard jew ta' inċident barra mill-pajjiż u tirċievi remunerazzjoni mill-affiljati għall-kopertura ta' assigurazzjoni miksuba.

21. Qabel ma nipproċedi għall-analiżi tad-domanda preliminari, ser nindirizza ċerti kwistjonijiet terminoloġiċi li jistgħu jkunu rilevanti għall-interpretazzjoni korretta ta' din id-domanda.

22. Huwa minnu li d-domanda preliminari, kif ifformulata mill-qorti tar-rinviju, tista' tinqara wkoll fis-sens li tixtieq li jiġi kkjarifikat jekk il-konvenuta fil-kawża prinċipali hijiex "intermedjarju ta' assigurazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2002/92 u "distributur tal-assigurazzjoni" fuq il-bażi tad-Direttiva 2016/97.

[6] Huwa minnu li, fid-domanda preliminari l-qorti tar-rinviju tuża l-kunċetti ta' "klijenti" u ta' "konsumaturi". Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, dawn huma l-istess persuni.

23. Fil-fatt, id-Direttiva 2016/97 emendat id-definizzjonijiet li jinsabu fil-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92.

24. Waħda mill-emendi li ġabet magħha l-adozzjoni tad-Direttiva 2016/97 hija t-twessigħ taċ-ċirku ta' persuni li huma suġġetti (minkejja li xi drabi fi gradi differenti) għal tali obbligi li, fil-kuntest tad-Direttiva 2002/92, kienu jirrigwardaw, bħala prinċipju, esklużivament lill-persuni li jeżerċitaw attività ta' "intermedjarju ta' assigurazzjoni" fis-sens klassiku tal-kelma.

25. Dan jinsab rifless fil-premessi tad-Direttiva 2016/97 u fid-dispożittiv tagħha.

26. Il-premessa 9 tad-Direttiva 2002/92 kienet tispeċifika li "[t]ipi differenti ta' persuni jew istituzzjonijiet, bħal aġenti, sensara u operaturi ta' 'bancassurance', jistgħu jqassmu prodotti ta' assigurazzjoni". Min-naħa tagħha l-premessa 5 tad-Direttiva 2016/97, minbarra aġenti, sensara u operaturi li joffru prodotti ta' assigurazzjoni lil klijenti bankarji ("bancassurance"), fost l-entitajiet li jistgħu jqassmu prodotti ta' assigurazzjoni telenka ulterjorment l-"impriżi tal-assigurazzjoni, aġenti tal-ivvjaġġar u kumpaniji tal-kiri ta' karozzi". Barra minn hekk, din kienet tirrigwarda wkoll l-inklużjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, ta' dawk l-entitajiet li jqassmu l-prodotti ta' assigurazzjoni billi jużaw teknoloġiji ġodda u l-kanali ta' distribuzzjoni li jirriżultaw minnhom [7].

27. Għal dak li jirrigwarda d-dispożittiv tad-Direttivi, sa fejn tista' tkun ta' rilevanza għall-għoti ta' risposta għad-domanda preliminari, għalkemm id-Direttiva 2002/92 użat il-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" (u ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni", li tiddefinixxih bħala persuna li taħdem bħala intermedjarju), id-Direttiva 2016/97 issostitwixxiethom bil-kunċett ta' "distribuzzjoni ta' assigurazzjoni". Hija għandha kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* u *ratione personae* usa'.

28. Minbarra l-attività li tikkonsisti fil-proposta jew fit-twettiq ta' xogħlijiet preparatorji oħra għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni u l-konklużjoni tagħhom jew fl-għoti ta' assistenza fl-amministrazzjoni ta' tali kuntratti u fl-eżekuzzjoni tagħhom, li jinsabu wkoll fid-definizzjoni ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" fil-forma magħrufa mid-Direttiva 2002/92, il-kunċett ta' "distribuzzjoni ta' assigurazzjoni" diġà jkopri wkoll espliċitament l-attività ta' "konsulenza" [8].

29. L-introduzzjoni ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "distributur tal-assigurazzjoni" kienet espressjoni ta' teknika leġiżlattiva koerenti.

30. Madankollu l-adozzjoni ta' nomenklatura ġdida ma tatx lok għall-abbandun tal-użu tal-kunċett ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni".

[7] Ara l-premessa 12 tad-Direttiva 2016/97.

[8] Madankollu wieħed għandu jżomm f'moħħu li anki fil-kuntest tad-Direttiva 2002/92 "attivitajiet" li jikkostitwixxu medjazzjoni fl-assigurazzjoni ġew deskritti b'mod wiesa' (ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* (C-542/16, EU:C:2018:369, punt 53), u d-direttiva nnifisha rreferiet ukoll għall-obbligu ta' konsulenza f'forma ssemplifikata (Artikolu 12(3)).

31. Fil-fatt, il-kunċett ta' "distributur tal-assigurazzjoni" huwa usa' u jinkludi kull "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u "impriża tal-assigurazzjoni"[9] kif ukoll l-"intermedjarju li joffri assigurazzjonijiet anċillari"[10].

32. Id-Direttiva 2016/97 tiddefinixxi kull wieħed minn dawn il-kunċetti, fejn l-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" jfisser, bħala prinċipju, bħalma ġie meqjus sa issa, bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika [...], li għal fini ta' rimunerazzjoni tibda jew twettaq attività ta' distribuzzjoni tal-assigurazzjoni [li preċedentement kienet magħrufa bħala medjazzjoni]". Il-kunċett ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" evidentement ma jinkludix l-"impriżi ta' assigurazzjoni" u l-"intermedjarji tal-assigurazzjoni anċillari", li huma wkoll "distributuri tal-assigurazzjoni".

33. Fil-kuntest ta' din il-kawża, lanqas ma qiegħed jiġi ssuġġerit li l-konvenuta għandha tiġi kkunsidrata bħala "impriża tal-assigurazzjoni".

34. Madankollu d-domanda preliminari tirrigwarda fost oħrajn interpretazzjonijiet differenti tal-kunċetti ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" u "distributur tal-assigurazzjoni" taħt il-punti 1 u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97. Dan tal-aħħar jinkludi wkoll "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari".

35. Iqum id-dubju jekk l-għoti ta' risposta utli għall-qorti tar-rinviju teħtieġx kjarifika dwar jekk il-konvenuta hijiex "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari" u, għaldaqstant, "distributur ta' assigurazzjoni".

36. Huwa minnu li xejn ma jindika li, fid-dritt Ġermaniż, din il-kategorija ta' intermedjarji kienet awtomatikament eżentata mill-obbligu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali[11]. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li persuna li tkun kisbet awtorizzazzjoni maħruġa mill-kamra tal-kummerċ u tal-industrija kompetenti għandha titniżżel fir-reġistru. Din l-ispjegazzjoni hija akkumpanjata minn espożizzjoni tal-emendi magħmula mid-Direttiva 2016/97 fir-rigward tas-sitwazzjoni legali attwali u minn konstatazzjoni li, fil-kuntest ta' din id-direttiva, l-"intermedjarji tal-assigurazzjoni anċillari" kienu wkoll suġġetti għall-obbligu ta' reġistrazzjoni.

37. Min-naħa tagħha, il-konvenuta fil-kawża prinċipali nnifisha, filwaqt li tesponi l-"mudell tan-negozju" tagħha, issostni li hija għandha effettivament tiġi kkunsidrata bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari". Dan l-argument għandu t-tendenza li juri li l-kundizzjonijiet addizzjonali li jippermettu li tiġi dderogata l-applikazzjoni tad-Direttiva f'dak li jikkonċerna l-konvenuta huma wkoll issodisfatti. Ser nerġa' nittratta din il-kwistjoni iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet[12].

[9] Għandu jingħad ukoll li dan il-kunċett diġà kien irregolat mid-Direttiva 2002/92. Madankollu taħt din id-direttiva l-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" ma kienx jinkludi l-attivitajiet "meta mwwttqa minn impriża ta' assigurazzjoni jew impjegat ta' impriża ta' assigurazzjoni [li kien qiegħed jaġixxi] taħt ir-responsabbiltà ta' impriża ta' assigurazzjoni (it-tieni paragrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva). Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-esklużjoni, ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668).

[10] Min-naħa l-oħra, dan il-kunċett ma kienx preżenti fil-kuntest tad-Direttiva 2002/92, iżda kien jittratta esklużjoni li tirreferi għan-natura "anċillari" tal-kuntratti ta' assigurazzjoni. Ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[11] Min-naħa l-oħra, għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tirreferix espressament għal din id-dispożizzjoni, mill-paragrafu 34d(8) tal-GewO jidher li jirriżulta li huwa biss l-"intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari" li jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-punt 3 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97 li huwa eżentat mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni. Ara l-punti 48-50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[12] Ara l-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38. "Intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari" huwa deskritt bħala "kull persuna fiżika jew ġuridika [...] li għal fini ta' rimunerazzjoni tibda jew twettaq attività ta' distribuzzjoni tal-assigurazzjoni fuq bażi anċillari, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha [msemmija f'din id-definizzjoni]" (punt 4 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97).

39. Għal dak li jirrigwarda din il-kawża, l-ewwel, il-qorti tar-rinviju lanqas biss ma tikkunsidra l-possibbiltà li l-konvenuta fil-kawża prinċipali tiġi kkunsidrata bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari" u d-domanda preliminari tagħha ma tikkonċernax l-interpretazzjoni tal-punt 4 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97. Barra minn hekk, fit-talba għal deċiżjoni preliminari lanqas ma jiġi ssuġġerit li l-konvenuta fil-kawża prinċipali twettaq attivitajiet fil-qasam tal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni li hija ta' natura anċillari. It-tieni, l-oriġini tad-dubji tal-qorti tar-rinviju ma hijiex il-kwistjoni dwar jekk xi parti mis-"servizzi" pprovduti lill-klijenti tal-konvenuta fil-kawża prinċipali hijiex ta' natura anċillari meta mqabbla mal-kumplament, iżda jekk il-klassifikazzjoni tagħha bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" huwiex prekluż mill-fatt li hija teżerċita attività mmirata lejn il-proposta ta' adeżjoni fl-assigurazzjoni ta' grupp (u mhux il-"konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni") u li hija stess hija kklassifikata bħala "detentur tal-polza" minn din il-qorti [13].

40. Qabel ma nipproċedi għall-eżami fuq il-mertu tad-domanda preliminari, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk u liema direttiva tapplika għall-konvenuta fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* u *ratione materiae* tagħhom.

A. Fuq l-applikabbiltà ratione temporis tad-Direttivi

41. Id-domanda preliminari tal-qorti tar-rinviju tirreferi kemm għad-Direttiva 2002/92 kif ukoll għad-Direttiva 2016/97.

42. Bħala prinċipju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/92 tħassru b'effett mit-23 ta' Frar 2018 bis-saħħa tal-Artikolu 44 tad-Direttiva 2016/97. Sa dik id-data, l-Istati Membri kienu obbligati jwettqu traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/97 konformement mal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 42 tagħha. Sa mit-23 ta' Frar 2018, japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż li jimplimentaw id-Direttiva 2016/97 [14].

43. Ir-rikors li permezz tiegħu l-assoċjazzjoni rikorrenti adixxiet lill-qorti nazzjonali jirreferi għall-perijodu ta' Settembru 2017 meta kienu għadhom fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż li jittrasponu d-Direttiva 2002/92. Min-naħa l-oħra l-qorti tar-rinviju tindika li t-talbiet imressqa mill-assoċjazzjoni rikorrenti jkunu jistgħu jintlaqgħu li kieku l-aġir tal-konvenuta jkun kuntrarju għal-liġi fid-data li fiha daħlet fis-seħħ (jiġifieri Settembru 2017) u, fid-dawl tal-ġurisprudenza nazzjonali, ikun għadu kuntrarju għal-liġi fid-data li fiha l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi dwar dan l-aġir. Dan jispjega r-raġunijiet għalfejn il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dispożizzjonijiet taż-żewġ direttivi. Dan ifisser ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domanda preliminari kemm sa fejn din tirrigwarda d-Direttiva 2002/92 kif ukoll sa fejn din tirrigwarda d-Direttiva 2016/97.

[13] Ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[14] Ara l-punti 8 u 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B. Fuq l-applikabbiltà ratione materiae tad-Direttivi

44. Għad irid jiġi eżaminat jekk l-attività tal-konvenuta fil-kawża prinċipali taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97.

45. Il-konvenuta fil-kawża prinċipali hija tal-fehma li hija ma tistax titqies bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens tad-dispożizzjonijiet imsemmija mit-talba għal deċiżjoni preliminari. Hija ssostni wkoll li, fid-dawl tal-"mudell tan-negozju" tagħha, hija tista' l-iktar l-iktar tiġi kklassifikata bħala "intermedjarju ta' assigurazzjoni anċillari" (punt 4 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97). Il-kopertura ta' assigurazzjoni li minnha jibbenefikaw il-klijenti tal-konvenuta hija biss waħda mis-servizzi offruti lilhom minnha. Issa, id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal "intermedjarji tal-assigurazzjoni anċillari" fis-sens tal-Artikolu 1(3) tagħha. Insostenn ta' din l-argumentazzjoni l-konvenuta tirreferi wkoll għall-premessa 12 tad-Direttiva 2002/92 u għall-premessa 14 tad-Direttiva 2016/97.

46. Id-domanda tal-qorti tar-rinviju ma tirrigwardax l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2016/97 u l-punt 4 tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva. Kif diġà indikajt fil-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet, xejn ma jissuġġerixxi li l-qorti tar-rinviju kkunsidrat il-possibbiltà li l-konvenuta fil-kawża prinċipali tiġi kklassifikata bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari", fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

47. Madankollu, nipproponi li jiġu indirizzati wkoll l-argumenti tal-konvenuta fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, l-argumenti tal-konvenuta huma bbażati fuq żewġ premessi indipendenti minn xulxin li jeskludu l-applikazzjoni tad-Direttivi. Huma jirreferu għan-natura "anċillari" tal-kuntratti ta' assigurazzjoni u għan-natura "okkażjonali" tal-attivitajiet tal-konvenuta nnifisha fil-kawża prinċipali.

48. L-ewwel, il-kunċett ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni anċillari" huwa nieqes fid-Direttiva 2002/92. Madankollu huwa minnu li f'ċerti każijiet l-ebda waħda miż-żewġ direttivi ma tapplika fil-konfront ta' persuni li jwettqu attivitajiet fil-qasam tas-senserija (distribuzzjoni) ta' kuntratti ta' assigurazzjoni ta' natura "anċillari") (l-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2016/97).

49. Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għal dak li ssostni l-konvenuta, għall-esklużjoni tal-applikazzjoni tad-Direttivi huwa neċessarju li jiġu ssodisfatti kundizzjoniijiet ulterjuri.

50. Anki jekk ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet l-oħra previsti mid-dispożizzjonijiet taż-żewġ direttivi, din hija kwistjoni ta' assigurazzjoni anċillari għal servizz ipprovdut mill-fornitur, li tkopri, fost oħrajn, ir-riskju li ma jintużax servizz ieħor jew riskji marbuta mal-vjaġġ irriżervat [15]. Madankollu, huwa diffiċli li wieħed jitkellem dwar l-eżistenza ta' riskju li ma jintużax servizz jew vjaġġ ieħor "previst" f'każ ta' assigurazzjoni li l-kopertura tagħha testendi għar-rimbors tal-ispejjeż ta' trattament u ta' trasport tal-persuna kkonċernata; min-natura tagħhom dawn huma avvenimenti imprevedibbli.

51. It-tieni, il-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni", fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, "[i]l-provvista ta' informazzjoni fuq bażi inċidentali fil-kuntest ta' attività professjonali oħra sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx [ma kienx] li l-klijent jiġi assistit fil-konklużjoni jew twettieq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni, [ma kinitx

[15] Ara l-Artikolu 1(2)(e) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 2016/97.

titqies] bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni". Il-premessa 12 ta' din id-direttiva wkoll kienet tirreferi għal din l-esklużjoni. Din tissemma wkoll fil-premessa 14 tad-Direttiva 2016/97 u, fid-dispożittiv ta' din id-direttiva din l-esklużjoni tinsab fl-Artikolu 2(2)(a) tagħha.

52. Madankollu, xejn ma jindika li l-konvenuta fil-kawża prinċipali ipprovdiet biss "okkażjonalment" informazzjoni dwar il-kuntratti ta' assigurazzjoni meta kienet qiegħda twettaq attivitajiet professjonali oħra. Fil-fatt, anki jekk meta tiddeskrivi l-"mudell tan-negozju" tagħha, il-konvenuta tindika li l-atti kontenzjużi relatati mal-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp jikkostitwixxu parti regolari mis-servizzi tagħha pprovduti lill-klijenti, fil-fehma tagħha dawn huma biss ta' natura "anċillari". Barra minn hekk, hija ma ssostnix li dawn l-atti jikkonsistu esklużivament fil-provvista ta' "informazzjoni ġenerali" dwar il-prodotti ta' assigurazzjoni.

53. Bħala konklużjoni, xejn ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li, u dan indipendentement mill-veraċità tal-allegazzjoni tan-natura "anċillari" tal-kopertura tal-assigurazzjoni li minnha jibbenefikaw il-klijenti tal-konvenuta, id-Direttivi 2002/92 u 2016/97 ma humiex *a priori* applikabbli *ratione materiae* fir-rigward taċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali.

C. Fuq il-mertu

54. Il-konvenuta tista' tiġi kkunsidrata bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97?

55. Fl-oriġini tad-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-possibbiltà li tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda magħmula jidher li hemm żewġ problemi legali li essenzjalment jikkonċernaw l-istruttura ġuridika speċifika tal-assigurazzjonijiet tal-grupp. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju f'dan ir-rigward jidhru, essenzjalment, li huma marbuta ma' mistoqsijiet dwar:

– l-ewwel, jekk l-"adeżjoni f'kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp" tistax tiġi ekwiparata mal-"konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" għall-ħtieġa tal-konstatazzjoni li ninsabu fil-preżenza ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" fis-sens tal-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 kif ukoll ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva u,

– it-tieni, jekk, fil-kuntest taż-żewġ direttivi, l-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" għandux ikun organu estern meta mqabbel ma' dak li jirriżulta minn kuntratt ta' assigurazzjoni (inkluż il-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp).

56. Billi tesprimi d-dubji tagħha dwar il-pożizzjoni tal-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" barra mir-relazzjoni ta' assigurazzjoni, il-qorti tar-rinviju tesprimi li, fil-kuntest tax-xogħlijiet leġiżlattivi intiżi għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/92 fid-dritt Ġermaniż, l-intermedjarji tal-assigurazzjoni ġew iddefiniti bħala persuni li ma għandhomx huma stess il-kwalità ta' detentur tal-polza jew ta' assiguratur. Tali approċċ kien ibbażat fuq ġurisprudenza nazzjonali li, essenzjalment, tidher li titlaq mill-premessa li l-intermedjarju tal-assigurazzjoni huwa terza persuna fir-rigward tar-relazzjoni li tirriżulta mill-kuntratt ta' assigurazzjoni, anki jekk tradizzjonalment huwa kellu jiġi ggwidat bir-rieda li jipproteġi lill-assigurat bħala l-parti l-iktar dgħajfa fir-relazzjonijiet ta' assigurazzjoni.

57. Min-naħa l-oħra, meta jsir riferiment speċifiku għall-assigurazzjonijiet ta' grupp, minn din il-ħidma leġiżlattiva jirriżulta wkoll li d-detenturi tal-polza ma humiex intermedjarji tal-assigurazzjoni jekk jipproċedu biex jipprovdu kopertura ta' assigurazzjoni lil ċirku ("grupp") ta' persuni ristrett u ddefinit minn qabel.

58. Barra minn hekk, waqt it-tfassil tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva 2016/97 fid-dritt Ġermaniż, kellu jiġi kkunsidrat jekk l-attività, bi ħlas, ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kopertura ta' assigurazzjoni għandhiex titqies b'mod ċar bħala forma ta' eżerċizzju ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni suġġetta għall-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni maħruġa mill-kamra tal-kummerċ u tal-industrija kompetenti. Finalment, madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-GewO ma jwiġbux din il-mistoqsija. F'dispożizzjonijiet distinti, il-leġiżlatur Ġermaniż impona fuq il-persuni li jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni ta' grupp obbligu ta' konsulenza fir-rigward tal-persuni li jaderixxi għal din l-assigurazzjoni u ċerti obbligi relatati mal-primjums tal-assigurazzjoni. Madankollu, minn dan ma jirriżultax, kif tispjega l-qorti tar-rinviju, li l-leġiżlatur Ġermaniż b'hekk ekwipara l-kwalità ta' tali persuni ma' dik tal-intermedjarji ta' assigurazzjoni.

59. Għalhekk, kif tippreċiża l-qorti tar-rinviju, huwa bħala prinċipju rrikonoxxut fil-ġurisprudenza u fid-duttrina li "d-detentur tal-polza li jbigħ adeżjoni f'kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp inkambju għal remunerazzjoni ma jistax jitqies bħala intermedjarju tal-assigurazzjoni u l-kwalità tiegħu ma hijiex ugwali għal dik ta' intermedjarju tal-assigurazzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

60. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll l-opinjoni esposta minn ċerti rappreżentanti tad-duttrina legali li skontha persuna li tikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp ("detentur tal-polza ta' assigurazzjoni ta' grupp") tista' tiġi kklassifikata bħala intermedjarju tal-assigurazzjoni jekk tikkonkludi dan il-kuntratt mhux (biss) fl-interess tal-persuni assigurati [16], iżda (ukoll) fl-interess ekonomiku tagħha stess; hawn jidher li huwa mistur suġġeriment li tali ftehim jieħu l-forma ta' kuntratt qafas [17].

61. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fehma, żviluppata fil-ġurisprudenza u fil-letteratura, li l-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni mogħtija mill-kamra tal-kummerċ u tal-industrija kompetenti għandu jeżisti wkoll f'dak li jirrigwarda sitwazzjonijiet ikkaratterizzati mill-għan li tinqabeż il-liġi u li tiġi evitata l-kisba ta' awtorizzazzjoni.

62. Peress li d-dubji tal-qorti tar-rinviju huma relatati mal-ispeċifiċitajiet tal-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' grupp, wieħed għandu jiffoka fuq iż-żewġ direttivi sabiex jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni jorbot xi tip ta' tifsira legali ma' din l-ispeċifiċità [Taqsima 1]. Tali approċċ għandu sussegwentement jippermetti li jitwarrbu d-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-possibbiltà li

[16] Il-qorti tar-rinviju effettivament tindika li dan jirrigwarda l-konklużjoni ta' kuntratt "mhux fl-interess tal-assigurati", iżda fl-interess tal-persuna li tikkonkludi dan il-kuntratt. Madankollu, fl-eżempji mogħtija hija tippreċiża li dawn huma fost oħrajn sitwazzjonijiet li fihom il-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp huwa konkluż "mhux biss fl-interess [tal-persuni assigurati]".

[17] Is-sostenituri tal-approċċ deskritt mill-qorti tar-rinviju jsostnu li dan ikun aġir fl-interess ekonomiku personali meta d-"detentur tal-polza" jirċievi remunerazzjoni għal kull adeżjoni għal assigurazzjoni ta' grupp ("kuntratt-qafas"); Fil-fatt, huwa jkollu interess ekonomiku personali li jinkoraġġixxi persuni ġodda sabiex jaderixxu għal assigurazzjoni. B'din is-sitwazzjoni għandna quddiemna każ ta' "kuntratt qafas" propost mill-banek u li jirrigwarda r-riskju ta' impossibbiltà li jitħallas lura self wara mewt jew invaliditá. Bil-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp fl-interess ekonomiku "tad-detentur tal-polza" ma għandniex quddiemna każ ta' assigurazzjoni għall-mard jew għall-irtirar tal-membri tal-assoċjazzjoni jew tal-impjegati ta' persuna speċifika li timpjega. Dan ma huwiex każ li dawn il-persuni jisiltu vantaġġ mill-kisba ta' kopertura ta' assigurazzjoni, iżda li jiġu nnegozjati l-aħjar kundizzjonijiet possibbli minn tali kopertura għall-benefiċċju ta' dawn il-persuni.

l-adeżjoni għal kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp tiġi ekwiparata mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni [Taqsima 2] u fir-rigward tal-pożizzjoni tal-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" barra mir-relazzjoni ta' assigurazzjoni [Taqsima 3].

1. L-assigurazzjoni ta' grupp fid-dawl tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97

a) Osservazzjonijiet ġenerali

63. Huwa minnu li fid-dispożittiv tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97, wieħed ma jsib ebda riferiment espliċitu għall-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp.

64. Madankollu, matul ix-xogħlijiet leġiżlattivi għad-Direttiva 2016/97, fl-istadju li fih ġiet proposta l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" (u, konsegwentement, "distributur tal-assigurazzjoni") [18], ġiet ifformulata wkoll proposta għaż-żieda tal-premessa 49, li, ġiet introdotta mingħajr ebda bidliet fit-test adottat tad-Direttiva. Għalkemm mhux akkumpanjata minn spjegazzjoni ddettaljata, din il-premessa tippreċiża li "[f]il-każ ta' assigurazzjoni ta' grupp, 'klijent' għandha tfisser ir-rappreżentant ta' grupp ta' membri li jikkonkludi kuntratt tal-assigurazzjoni f'isem grupp ta' membri, f'każ fejn il-membru individwali ma jistax jieħu deċiżjoni individwali biex ikun parti minnu, bħal pereżempju arranġament ta' pensjoni tax-xogħol obbligatorju" [19].

65. Id-Direttiva 2016/97 ma tiddefinixxix il-kunċett innifsu ta' "klijent" [20]. Madankollu, dan il-kunċett jinsab f'diversi dispożizzjonijiet tagħha. B'mod ġenerali, minn din id-direttiva jirriżulta li l-għan tagħha huwa preċiżament li tipproteġi l-"klijenti" u li dawn huma persuni li jużaw prodotti ta' assigurazzjoni u persuni interessati li jużaw tali prodotti ("persuna li tfittex kopertura ta' assigurazzjoni", ara l-premessa 51 tad-Direttiva), billi jużaw kanali ta' distribuzzjoni li jinvolvu l-impenn ta' "distributuri tal-assigurazzjoni".

66. Barra minn hekk, mit-tieni sentenza ta' din il-premessa jista' jiġi dedott li kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp li għalih ma tittieħed ebda deċiżjoni individwali ta' adeżjoni għall-kuntratt huwa (fil-prattika, jista' jiġi) konklużmill-"klijent" bl-intervent tad-"distributur" [21], fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu f'moħħu ċertament id-distributur tal-assigurazzjoni. Minn dan jidher li wieħed jista' jikkonkludi li fil-każ ta' assigurazzjonijiet tal-grupp imsemmija fil-premessa 49 tad-Direttiva 2016/97, bħala prinċipju, il-"klijent" innifsu ma huwiex "distributur tal-assigurazzjoni".

67. Fid-dawl ta' din il-premessa 49, wieħed jista' wkoll jipprova jifformula konklużjoni li tmur ulterjorment lil hinn, li tgħid li jeżistu "assigurazzjonijiet tal-grupp" oħra li fihom l-adeżjoni għall-kuntratt ma hijiex ta' natura awtomatika u tiddependi mid-deċiżjonijiet tal-membri tal-grupp. Tqum il-mistoqsija jekk, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, hemmx "rappreżentant ta' grupp ta' membri" li ma huwiex "klijent" u, għaldaqstant, għall-inqas *a priori*, jistax jiġi potenzjalment ikklassifikat bħala "distributur tal-assigurazzjoni".

[18] Ara l-anness tan-nota ta' informazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2015, 2021/0175 (COD).

[19] Barra minn hekk, it-tieni sentenza tal-premessa 49 tad-Direttiva 2016/97 iżżid li "[i]r-rappreżentant tal-grupp wara r-reġistrazzjoni tal-membru fl-assigurazzjoni ta' grupp għandu jipprovdi fil-pront, fejn rilevanti, id-dokument ta' informazzjoni dwar il-prodott tal-assigurazzjoni u informazzjoni dwar il-kondotta tal-operazzjonijiet tad-distributur".

[20] Ara wkoll, M.D. Weinberger, Scope of Protection: Is there a Ground for a Single criterion?, fi: V. Colaert, D. Busch, T. Incalza (edituri), European Financial Regulation: Levelling the Cross-Sectoral Playing Field, Hart Publishing, Oxford – London – New York – New Delhi – Sydney, 2019, p. 299.

[21] Ara l-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

68. Il-formulazzjoni ta' tali konklużjoni permezz ta' interpretazzjoni *a contrario* tal-premessa tad-Direttiva għandha tkun ippreċeduta minn analiżi fil-fond. Fl-assenza ta' kwalunkwe riferiment dwar l-assigurazzjoni ta' grupp permezz ta' adeżjoni volontarja fi premessa tad-Direttiva, il-formulazzjoni ta' din it-tip ta' konklużjoni dwar il-klassifikazzjoni legali tal-partijiet fir-relazzjoni ta' assigurazzjoni tista' tqajjem dubji. Dan huwa iktar u iktar minnu jekk wieħed iqis li d-direttiva nnifisha ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "assigurazzjonijiet tal-grupp" u wisq inqas tispjega fid-dispożittiv tagħha fiex jikkonsistu tali assigurazzjonijiet, li fihom il-membri tal-grupp ma jistgħux jieħdu deċiżjoni individwali biex ikunu parti mill-kuntratt.

b) Il-kostruzzjoni ta' assigurazzjoni ta' grupp fid-dritt tal-Istati Membri

69. Id-distinzjoni bejn il-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' grupp li magħhom l-adeżjoni hija obbligatorja (isseħħ awtomatikament, minħabba l-appartenenza għal grupp speċifiku jew minħabba s-seħħ ta' ċirkustanzi speċifiċi jew il-pussess ta' ċerti kwalitajiet li ġeneralment jirriżultaw mill-eżistenza jew li jindikaw l-eżistenza ta' rabta speċifika ma' persuna li tkun ħadet miżuri intiżi sabiex persuni oħra jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-kopertura tal-assigurazzjoni)[22] u l-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' grupp li l-adeżjoni magħhom hija ta' natura volontarja, li tidher li hija misluta mill-premessa 49 tad-Direttiva 2016/97, ma hijiex estranea għad-duttrina dwar id-dritt ta' assigurazzjoni u għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali minkejja li huwa minnu li din tqajjem numru dubji[23].

70. Barra minn hekk, bħalma seħħ fil-każ ta' leġiżlazzjoni standard tad-dritt privat Ewropew (Draft Common Frame of Reference (DCFR))[24], bl-użu tad-dritt komparattiv ġiet elaborata leġiżlazzjoni standard li tikkonċerna l-prinċipji tad-dritt Ewropew fil-qasam tal-assigurazzjoni (Principles of European Insurance Contract Law (PEICL))[25]. Hawnhekk, il-persuna li tikkonkludi kuntratt ma' assiguratur sabiex persuni oħra jkunu jistgħu sussegwentement jibbenefikaw minn kopertura tal-assigurazzjoni tissejjaħ "organizzatur tal-grupp". L-użu ta' tali kunċett jippermetti li jiġu evitati diffikultajiet terminoloġiċi u li jiġi ddeterminat *a priori* jekk l-hekk imsejjaħ

[22] Biex jiġu indirizzati d-dubji li għalihom jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali u li jkunu intiżi biex jipprovaw in-natura artifiċjali tad-distinzjoni bejn l-assigurazzjoni ta' grupp obbligatorja u l-assigurazzjoni ta' grupp volontarja: argumentazzjoni li tirreferi għall-"mudell tan-negozju" tal-konvenuta fil-kawża prinċipali u li tkun ibbażata fuq il-motiv li l-adeżjoni għall-assigurazzjoni ta' grupp hija ta' natura obbligatorja inkwantu hija "obbligatorja" għall-klijenti kollha tagħha li kkonkludew kuntratt magħha u li minnu jirriżultaw benefiċċji li ma humiex ta' natura assigurattiva (aċċessibbiltà ta' ċentru ta' allarm eċċ.) tkun argumentazzjoni mhux konvinċenti. Dan l-argument għandu jkun ibbażat fuq il-kunsiderazzjoni li l-fatt jew il-karatteristika komuni għall-persuni li jibbenefikaw mill-kopertura ta' assigurazzjoni huwa l-konklużjoni ta' kuntratt mal-konvenuta fost oħrajn preċiżament sabiex tinkiseb il-kopertura tal-assigurazzjoni. Essenzjalment, dan ikun ifisser li n-natura "obbligatorja" ta' adeżjoni tirriżulta minn deċiżjoni volontarja li jiġi konkluż kuntratt preċiżament bil-għan li tinkiseb din il-kopertura. Għaldaqstant, wieħed diffiċilment jista' jikkondividi l-fehma esposta iktar 'il fuq, li tirreferi għall-"mudell tan-negozju" tal-konvenuta.

[23] Huwa minnu, kif jirrileva wkoll il-Gvern Taljan, li l-kuntratti ta' assigurazzjoni ta' grupp ma jikkostitwixxux kategorija omoġenja. Kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp huwa essenzjalment ħolqien derivanti minn prattika u jieħu diversi forom. Madankollu, il-klassifikazzjoni rrappreżentata iktar 'il fuq bi sfumaturi ta' natura li tvarja tidher li hija, mill-inqas parzjalment, aċċettata f'numru ta' sistemi legali ta' Stati Membri, pereżempju fil-Ġermanja (ara, F. Herdter, Der Gruppenversicherungsvertrag: Grundlagen und ausgewählte Problemfelder, VVW GmbH, Karlsruhe, 2010, p. 14), fi Franza, (ara J. Bigot, fi: ed. J. Bigot, Traité de Droit des assurances. Le contrat d'assurance. Tome 3, LGDJ, Issy-les-Moulineaux Cedex, p. 6 u d-duttrina ċċitata) jew fil-Polonja (ara, M. Fras, Umowa ubezpieczenia grupowego. Aspekty prawne, Wolters Kluwer, Warszawa 2015, p. 136 *et seq*.; ara wkoll is-sentenza Sąd Najwyższy tat-12 ta' Jannar 2018, II CSK 222/17, LEX Nru 2446838).

[24] Ara Ch. Von Bar, E. Clive, H. Schulte-Nölke *et al*. (ed.), Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law. Draft Common Frame of Reference (DCFR). Outline Edition,, Sellier European Law Publishers, München, 2009, p. 7.

[25] J. Basedow, J. Birds, M. Clarke, H. Cousy, H. Heiss, L. Loacker (ed.), Principles of European Insurance Contract Law (PEICL), Verlag Dr. Otto Schmidt, 2016, p. 57 *et seq*. Fuq din il-leġiżlazzjoni standard u l-importanza tagħha għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kuntratti ta' assigurazzjoni, ara b'mod partikolari D. Fuchs, Consistency of the European project PEICL with the Polish Civil Code in view of art. 807, *Acta Iuris Stetinensis*, 2019, Nru 4, p. 90 *et seq*.

"organizzatur tal-grupp" huwiex "detentur tal-assigurazzjoni" fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-assigurazzjoni jew "klijent" fuq il-bażi tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97[26]. Għalhekk, iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet ser nuża l-kunċett ta' "organizzatur tal-grupp".

71. Barra minn hekk, dejjem fil-kuntest tal-PEICL issir distinzjoni bejn "kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp mingħajr adeżjoni" (il-membri tal-grupp jaderixxu awtomatikament miegħu minħabba ċerti kwalitajiet jew ċerti ċirkustanzi u mingħajr il-possibbiltà li tiġi rrifjutata kopertura ta' assigurazzjoni) u "kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp b'adeżjoni" (il-membri tal-grupp huma koperti minn kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni ta' sħubija jew minħabba l-assenza ta' rifjut ta' tali kopertura ta' assigurazzjoni).

72. Id-distinzjoni magħmula mil-leġiżlazzjoni nazzjonali bejn l-assigurazzjoni ta' grupp li l-adeżjoni magħha hija obbligatorja u l-assigurazzjoni ta' grupp li l-adeżjoni magħha hija volontarja, tista' wkoll taffettwa l-perċezzjoni tar-relazzjonijiet ġuridiċi li tagħhom dawn l-assigurazzjonijiet huma l-bażi. Jekk l-adeżjoni mal-assigurazzjoni tkun ta' natura obbligatorja, din il-kopertura tal-assigurazzjoni li minnha jibbenefikaw il-membri tal-grupp tirriżulta minn kuntratt ta' assigurazzjoni konkluż mill-organizzatur tal-grupp mal-assiguratur. Dan l-organizzatur jista' jitqies bħala detentur tal-polza. Min-naħa l-oħra, jekk l-adeżjoni mal-assigurazzjoni tkun ta' natura volontarja, l-organizzatur tal-assigurazzjoni għandu jikkonkludi mal-assiguratur kuntratt qafas li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom sussegwentement tinħoloq kopertura ta' assigurazzjoni permezz tal-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni mill-membri nnifishom li jkunu qegħdin jaderixxu mal-assigurazzjoni. Dawn huma hawnhekk id-detenturi tal-polza, li fl-istess waqt jibbenefikaw mill-kopertura ta' assigurazzjoni bħala persuni assigurati[27]. Din hija, ċertament, kwistjoni ta' klassifikazzjoni magħmula fid-dawl ta' u għall-ħtiġijiet tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni. Bħala prinċipju, huwa dan id-dritt nazzjonali li għandu jiddeċiedi min huwa d-detentur tal-polza.

73. Għandu jiġi enfasizzat li, minkejja diversi similaritajiet, l-assigurazzjoni ta' grupp għandha l-vantaġġ fuq l-għadd ta' poloz li jistgħu jiġu konklużi individwalment minn kull membru tal-grupp (jew minn persuna oħra f'isem kull membru tal-grupp ikkunsidrat individwalment), li tippermetti "ċentralizzazzjoni" *sui generis* tan-negozjati dwar il-kundizzjonijiet ta' kopertura tal-assigurazzjoni (li, bħala prinċipju, ġeneralment ma jseħħx f'każ ta' assigurazzjoni individwali, peress li l-konklużjoni ta' kuntratt normalment tinvolvi adeżjoni) filwaqt li tippermetti lill-persuni kkonċernati jiksbu kopertura ta' assigurazzjoni b'korrispettiv ta' primjum imnaqqas.

c) L-assigurazzjonijiet tal-grupp permezz ta' adeżjonijiet obbligatorji u volontarji fil-kuntest tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97

74. Mill-perspettiva tar-risposta għad-domanda preliminari, għandha rilevanza essenzjali l-kwistjoni dwar jekk fl-isfond tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97 wieħed jistax jispira ruħu mid-distinzjoni deskritta iktar 'il fuq bejn l-assigurazzjoni ta' grupp b'adeżjoni obbligatorja u dik b'adeżjoni volontarja, u li jiġu kkunsidrati bħala "klijenti", fil-każ tal-ewwel waħda minnhom, l-organizzaturi tal-grupp, u fil-każ tat-tieni waħda, il-persuni li jagħmlu użu mill-kopertura ta' assigurazzjoni (membri tal-grupp), li, fil-każ ta' dan it-tieni tip ta' assigurazzjoni ta' grupp, ikun jiftaħ it-triq għall-klassifikazzjoni tal-organizzatur tal-grupp bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni".

[26] Bl-istess mod, din il-persuna tista' tiġi kklassifikata bħala "operatur" (ta' kuntratt) ta' assigurazzjoni.

[27] Ara wkoll id-duttrina ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23.

75. Wara kollox, dan huwa preċiżament dak li tissuġġerixxi l-premessa 49 ta' din l-aħħar direttiva u l-interpretazzjoni tagħha *a contrario*.

76. Tali approċċ jinħass ukoll fl-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju li, filwaqt li tiddiskuti l-fehma proposta minn parti mid-duttrina fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" tfakkar fost oħrajn l-istruttura legali li fiha jiġi konkluż "kuntratt qafas" [28].

77. Fil-kunsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni jeħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu d-dubji tal-qorti tar-rinviju li jirrigwardaw, infakkar, l-ewwel, il-possibbiltà li l-adeżjoni għal kuntratt ta' assigurazzjoni ta' grupp tiġi ekwiparata mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni u, it-tieni, il-qagħda tal-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" barra mir-relazzjoni ta' assigurazzjoni.

2. Adeżjoni fl-assigurazzjoni ta' grupp

78. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-qorti tat-tieni istanza, li ma humiex imqiegħda inkwistjoni fil-proċedura ta' reviżjoni, l-attività tal-konvenuta ma tirrigwardax il-"konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni", iżda l-medjazzjoni fl-adeżjoni fi grupp u l-garanzija tal-possibbiltà li wieħed jibbenefika mill-kopertura ta' assigurazzjoni.

79. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż, li jittrasponu d-Direttivi 2002/92 u 2016/97 fid-dritt nazzjonali, tirreferi esklużivament għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni. Ir-rifjut tar-rikonoxximent tal-konvenuta bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" jidher li għandu, tal-inqas sa ċertu punt, l-oriġini tiegħu fil-premessa li l-adeżjoni fl-assigurazzjoni ta' grupp ma tistax tiġi ekwiparata mal-"konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" (jew meqjusa li tħalli l-istess effetti). Dan l-approċċ jissemma wkoll fl-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Ċek, li jżid li l-adeżjoni tikkonċerna kuntratt ta' assigurazzjoni konkluż minn qabel mill-organizzatur tal-grupp mal-assiguratur.

a) Interpretazzjoni litterali

80. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju jidhru li joriġinaw mill-fehma li l-punt ċentrali tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" tad-Direttiva 2002/92 u "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" tad-Direttiva 2016/97 hija attività mmirata preċiżament għall-"konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni".

81. Huwa minnu li l-"attivitajiet" li jikkostitwixxu l-medjazzjoni fl-assigurazzjoni ("distribuzzjoni tal-assigurazzjoni") jirrigwardaw bħala prinċipju, tal-inqas fid-dawl ta' interpretazzjoni litterali, il-medjazzjoni bil-"konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni". Għalkemm dan waħdu ma jfissirx li l-"adeżjoni għal assigurazzjoni ta' grupp" tidħol fil-qafas tal-"konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni", il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-"attivitajiet" li jikkostitwixxu "medjazzjoni fl-assigurazzjoni", u konsegwentement ukoll "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" skont it-tifsira tad-Direttiva 2016/97, ġew iddeterminati b'mod wiesa' [29].

[28] Ara l-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[29] Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* (C-542/16, EU:C:2018:369, punt 53).

82. Għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok, madankollu, li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha kif ukoll l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [30].

b) Interpretazzjoni sistemika

83. Fir-rigward tal-kuntest, ir-risposta għad-domanda preliminari ma tistax ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' entità partikolari bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" tista' tkun relatata mhux biss mal-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni speċifika (li huwa meħtieġ mid-dritt nazzjonali, peress li d-direttivi nnifishom jillimitaw ruħhom għall-obbligu ta' reġistrazzjoni ta' tali entitajiet; ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/92 u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2016/97), iżda wkoll ma' ċerti rekwiżiti imposti fuqha.

84. Intermedjarji tal-assigurazzjoni huma suġġetti għal rekwiżiti ta' informazzjoni (Artikolu 12 u 13 tad-Direttiva 2002/92 kif ukoll l-Artikolu 17 *et seq*. tad-Direttiva 2016/97) kif ukoll, minkejja li biss fil-każ ta' din it-tieni direttiva dawn jirriżultaw diġà espliċitament mid-definizzjoni ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni", ukoll obbligi ta' konsulenza (Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2016/97). Għaldaqstant, huma għandhom ikollhom livell xieraq ta' għarfien u ta' kapaċità (Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2016/97). B'dan il-mod, huma suġġetti għal assigurazzjoni obbligatorja għal responsabbiltà professjonali. Fl-istess waqt, dan ma huwiex sempliċi formalità inkwantu l-ammont ta' garanzija fir-rigward ta' kull talba magħmula ma tistax tkun inqas minn EUR 1 000 000 (Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2002/92; ara wkoll l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2016/97). Primjums imħallsa lil-intermedjarji minn klijenti huma protetti (ara l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2016/97). Obbligi jiġu imposti wkoll fuq l-intermedjarji sabiex ikun hemm prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess [31].

85. Meta wieħed iħares b'perspettiva usa' lejn id-Direttivi 2002/92 u 2016/97, wieħed jista' jipperċepixxi li dawn jimponu fuq l-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" ċerti obbligi li l-benefiċjarji tagħhom huma persuni interessati fil-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni u f'li jibbenefikaw mill-kopertura ta' assigurazzjoni jew persuni li diġà jibbenefikaw minn tali kopertura [32]. Fi kliem ieħor, jekk wieħed juża t-terminoloġija tad-Direttivi, dawn huma obbligi li l-benefiċjarji tagħhom huma l-"klijenti" [33].

86. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni u l-obbligi ta' konsulenza previsti fid-Direttivi jidhru li għandhom fuq kollox l-għan li jippermettu lill- "klijenti" jieħdu d-deċiżjoni li jikkonkludu kuntratt ta' assigurazzjoni permezz tal-kanal ta' distribuzzjoni tal-prodotti ta' assigurazzjoni li jinvolvu l-intervent ta' intermedjarju tal-assigurazzjoni. Dan huwa indikat mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi li jistipulaw li din hija l-provvista mill-intermedjarji ta' assigurazzjoni ta' ċerta informazzjoni lill-klijenti, bħala prinċipju "fi żmien xieraq qabel il-konklużjoni ta' kuntratt" (Artikolu 18(a) u l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2016/97).

[30] B'hekk, fir-rigward tal-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" fil-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92, ara s-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 21), u tal-31 ta' Mejju 2018, Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* (C-542/16, EU:C:2018:369, punt 39).

[31] Dan jinvolvi li jiġu evitati kunflitti bejn l-intermedjarju u l-assiguratur fil-każ ta' rabtiet bejn dawn iż-żewġ persuni. Sa ċertu punt, id-Direttiva 2016/97 innifisha tippermettiha peress li l-impriża tal-assigurazzjoni tista' tkun ukoll "distributur tal-assigurazzjoni".

[32] Fir-rigward tad-dritt Ġermaniż, kif inhu indikat fid-duttrina, minbarra l-GewO ġew irregolati l-obbligi tal-intermedjarji ta' assigurazzjoni (*in sensu largo*; persuni li jaħdmu fil-medjazzjoni fl-assigurazzjoni) fir-rigward tad-detenturi tal-polza u tal-assiguraturi. Ara R. Koch, Insurance Law in Germany, Wolters Kluwer, Alphen aan den Rijn, 2018, p. 269.

[33] Ara wkoll il-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

87. Il-provvista ta' din l-informazzjoni għandha l-għan li tiżvela li persuna speċifika jkollha l-kwalità ta' intermedjarju tal-assigurazzjoni (bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minnha, jiġifieri b'mod partikolari l-obbligu li din il-persuna jkollha l-għarfien u l-kompetenzi xierqa biex tiggarantixxi l-affidabbiltà tat-twettiq tar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' konsulenza imposti fuqha) u li tiżgura li ma jkunx hemm kunflitti ta' interessi li jirriżultaw mir-rabtiet tagħha mal-assiguratur jew mill-mod ta' remunerazzjoni tagħha. Bl-istess mod, il-protezzjoni tal-primjums għandu bħala għan l-evitar ta' sitwazzjonijiet li fihom l-involviment ta' terza persuna (intermedjarju tal-assigurazzjoni) jagħti lok għar-riskju li persuni li jħallsu l-primjum u li jibbenefikaw minn kopertura ta' assigurazzjoni jiġu mċaħħda minn tali kopertura b'riżultat tan-nuqqas ta' din it-terza persuna.

88. Dan iwassal għall-konklużjoni li, fid-dawl tal-interpretazzjoni sistemika tagħhom, id-Direttivi 2002/92 u 2016/97 huma intiżi li jirregolaw, qabel kollox, tliet aspetti li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni eżistenti bejn l-intermedjarji tal-assigurazzjoni u l-persuni li jixtiequ jibbenefikaw minn kopertura ta' assigurazzjoni permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni li jinvolvu l-impenn ta' tali intermedjarji, jiġifieri rekwiżiti ta' informazzjoni, protezzjoni ta' primjum tal-assigurazzjoni u l-provvista ta' kopertura tal-assigurazzjoni favur dawn il-persuni.

1) Rekwiżiti ta' informazzjoni

89. Il-persuni li jieħdu deċiżjoni individwali u volontarja li jaderixxu f'assigurazzjoni ta' grupp bil-parteċipazzjoni, bi ħlas, tal-organizzatur tal-grupp u li jħallsu indirettament il-primjum ta' assigurazzjoni huma, bħala prinċipju, esposti għall-istess riskji bħal dawk li għalihom huma esposti l-persuni li jikkonkludu kuntratt ta' assigurazzjoni individwali billi jużaw kanali ta' distribuzzjoni li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' intermedjarju tal-assigurazzjoni. Huma r-rekwiżiti u l-obbligi imposti fuq l-intermedjarji ta' assigurazzjoni, inkluż f'dak li jirrigwarda din l-ewwel kategorija ta' persuni, li d-Direttivi 2002/92 u 2016/97 għandhom l-intenzjoni li jirregolaw fid-dawl tal-interpretazzjoni sistemika tagħhom. Dan jimmilita favur tali interpretazzjoni ta' dawn id-direttivi li tippermetti li dan it-tip ta' adeżjoni fl-assigurazzjoni ta' grupp titqies bħala "kopertura ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" fis-sens tad-definizzjonijiet tal-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni".

90. Min-naħa l-oħra, ma jeżistux riskji analogi – jew, minn tal-inqas, jeżistu b'intensità kunsiderevolment inqas – għall-assigurazzjonijiet tal-grupp li għalihom l-adeżjoni hija obbligatorja. Dan jimmilita favur il-pożizzjoni li s-sempliċi kisba ta' kopertura ta' assigurazzjoni taħt l-assigurazzjoni ta' grupp li għaliha l-adeżjoni hija obbligatorja u awtomatika ma għandhiex tiġi ekwiparata mal-"konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni".

91. Ċertament, jista' jkun il-każ li s-sempliċi adeżjoni għal assigurazzjoni tkun obbligatorja u sseħħ b'mod awtomatiku bis-saħħa ta' adeżjoni ma' grupp partikolari jew l-okkorrenza ta' ċerti ċirkustanzi jew il-pussess ta' ċerti karatteristiċi. Madankollu, fl-istess ħin, il-membri tal-grupp jistgħu jkollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw minn ċerti opzjonijiet u estensjonijiet jew li jillimitaw il-portata tal-kopertura ta' assigurazzjoni. F'tali sitwazzjoni, iseħħu r-riskji diġà msemmija u din is-sitwazzjoni tista' tiġi kkunsidrata mill-perspettiva ta' "konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni"[34]. Issa, dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża.

[34] Dan jista' jwassal għall-konklużjoni li, f'tali sitwazzjoni, ninsabu quddiem attività li taqa' taħt il-qasam tal-"medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u tad-"distribuzzjoni tal-assigurazzjoni". Fi kwalunkwe każ, madankollu, dan fih innifsu ma jiddeterminax l-impożizzjoni, fuq il-persuna li teżerċita din l-attività, tal-obbligi kollha previsti mid-Direttivi. Dawn huma imposti fuq l-"intermedjarji tal-assigurazzjoni", li jeżerċitaw tali attivitajiet b'korrispettiv "ta' remunerazzjoni". Ara l-punt 128 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2) Primjum ta' assigurazzjoni

92. Lanqas ma għandhom iqumu dubji li l-klijenti tal-konvenuta fil-kawża prinċipali wkoll jiffinanzjaw indirettament il-primjum ta' assigurazzjoni bħala korrispettiv għall-kopertura tar-riskji tagħhom.

93. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-attività tal-konvenuta fil-kawża prinċipali tikkonsisti fil-medjazzjoni għall-adeżjoni fi grupp u f'li tiġi żgurata l-possibbiltà ta' benefiċċju mill-kopertura ta' assigurazzjoni. Hija l-konvenuta li tħallas il-primjums dovuti lill-assiguratur. Il-membri tal-grupp iħallsulha remunerazzjoni għall-kopertura ta' assigurazzjoni pprovduta.

94. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-membri tal-grupp jiffinanzjaw il-primjum ta' assigurazzjoni. Fil-fatt, huwa diffiċli li wieħed jippreżumi li l-kopertura ta' assigurazzjoni tingħatalhom mingħajr ħlas jew li hija ffinanzjata minnha stess u mingħajr ma jinsilet ebda benefiċċju f'dan ir-rigward mill-konvenuta fil-kawża prinċipali. Madankollu, il-membri tal-grupp jagħmlu dan indirettament permezz tal-involviment tal-organizzatur tal-grupp li, barra minn hekk, jikkorrispondi għar-rwol ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" previst mid-Direttivi. Minkejja kollox, huma jobbligaw lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' protezzjoni tal-klijenti fil-kuntest tat-trasferiment tal-primjums lill-assiguraturi mill-intermedjarji tal-assigurazzjoni [35].

3) Riskju tal-assigurazzjoni

95. Fl-isfond ta' din il-kawża, il-kwistjoni dwar ta' min huwa r-riskju li huwa kopert mill-assigurazzjoni li tirriżulta mill-assigurazzjoni ta' grupp tista' tkun ambigwa. Dan jagħti lok għall-mistoqsija dwar jekk il-persuni li lilhom il-konvenuta tindirizza l-offerta tagħha fil-kawża prinċipali effettivament jaderixxux għall-assigurazzjoni ta' grupp li tikkonċernahom ("jikkonkludu kuntratt ta' assigurazzjoni"). Fi kliem ieħor, tqum il-mistoqsija jekk dan huwiex riskju li jaffettwa direttament lill-membri tal-grupp u li jirrigwarda l-ispejjeż ta' trattament mediku u ta' trasport neċessarji jew jekk huwiex riskju li l-konvenuta fil-kawża prinċipali stess iġġarrab bis-saħħa tal-obbligu tagħha li tkopri l-imsemmija spejjeż.

96. Madankollu din ma hijiex ambigwità iżolata iżda pjuttost fenomenu li xi drabi jseħħ fil-kuntest ta' assigurazzjoni ta' grupp minħabba l-ispeċifiċità tagħha.

97. Fi kwalunkwe każ, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li fuq il-bażi ta' assigurazzjoni ta' grupp, il-"klijenti tal-konvenuta fil-kawża prinċipali" jibbenefikaw minn kopertura ta' assigurazzjoni għar-riskji li jikkonċernawhom [36].

98. Bi tweġiba għall-mistoqsija magħmula waqt is-seduta dwar in-natura tal-assigurazzjoni ta' grupp f'din il-kawża u dwar is-suġġett tar-riskju tal-assigurazzjoni, il-konvenuta fil-kawża prinċipali indikat li l-membri tal-grupp ("il-persuni assigurati") jirċievu benefiċċji mill-assiguratur. Minkejja li l-konvenuta fil-kawża prinċipali tipparteċipa fil-likwidazzjoni tal-pretensjonijiet, is-servizzi kollha ta' assigurazzjoni huma pprovduti lill-membri kollha tal-grupp: dan jirriżulta mill-assigurazzjoni ta' grupp u mit-trasferimenti previsti fiha favur dawn il-membri. Għaldaqstant, irrispettivament mir-riskji ta' liema persuni huma koperti mill-assigurazzjoni fis-sens tekniku-legali ta' dan il-kunċett, minn perspettiva funzjonali, il-kopertura ta' assigurazzjoni tingħata lill-membri tal-grupp bħallikieku l-kopertura ta'

35 Ara l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2002/92 u l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2016/97.

36 Ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

assigurazzjoni kienet tirrigwarda riskji li jaffettwawhom direttament. Fi kliem ieħor, bħallikieku, permezz tal-adeżjoni għall-assigurazzjoni ta' grupp kienu kkonkludew kuntratt ta' assigurazzjoni għal dan ir-riskju.

4) Konklużjoni intermedja dwar l-interpretazzjoni sistemika

99. Fil-qosor, minn perspettiva funzjonali, l-adeżjoni individwali u volontarja għall-assigurazzjoni ta' grupp li tinvolvi obbligu għall-finanzjament indirett tal-primjums tal-assigurazzjoni ma tidhirx li tiddistingwi ruħha mill-fehma tradizzjonali ta' konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni sal-punt li tippermetti l-esklużjoni ta' persuni li jaderixxu għal tali assigurazzjoni miċ-ċirku ta' persuni li jibbenefikaw mill-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttivi 2002/92 u 2016/97. Fid-dawl tal-interpretazzjoni sistemika tagħhom, dawn id-direttivi jieħdu ħsieb jirregolaw ir-rekwiżiti u l-obbligi li bihom huma inkarigati l-intermedjarji tal-assigurazzjoni anki fir-rigward ta' persuni li jaderixxu ma' tali assigurazzjoni ta' grupp.

100. Il-konklużjonijiet li jirriżultaw minn interpretazzjoni sistemika taż-żewġ direttivi jimmilitaw favur interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom fis-sens li l-attività li tippermetti lil terzi persuni jiksbu kopertura ta' assigurazzjoni b'riżultat tal-adeżjoni għall-assigurazzjoni ta' grupp li sseħħ permezz ta' adeżjoni li tkun ta' natura individwali u volontarja, u fejn dawn il-persuni indirettament jiffinanzjaw il-primjum ta' assigurazzjoni, jaqgħu taħt il-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni".

101. L-istess konklużjoni tirriżulta mill-interpretazzjoni teleoloġika tal-kunċetti msemmija fid-domanda preliminari.

c) Interpretazzjoni teleoloġika

102. Fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li l-kunċett ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" fid-Direttiva 2002/92 (u konsegwentement, il-kunċett ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" fid-Direttiva 2016/97), u l-kunċetti li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tagħha, għandhom jiġu interpretati b'tali mod li ma jipprekludux it-twettiq tal-għanijiet ta' din id-direttiva [37]. Hawnhekk qegħdin nitkellmu, l-ewwel, dwar l-għan li jinkiseb il-ħolqien tas-suq komuni tas-servizzi ta' assigurazzjoni permezz tal-eliminazzjoni tal-ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, it-tieni, li tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament tal-kategoriji kollha ta' persuni li joperaw bħala intermedjarji [38] u, it-tielet, li jinkiseb it-titjib tal-protezzjoni tal-konsumaturi [39], b'mod li jiġi żgurat "livell għoli" ta' protezzjoni [40].

103. Fir-rigward tal-ewwel żewġ għanijiet imsemmija iktar 'il fuq, l-eżerċizzju tal-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni għall-istess tip ta' kuntratti ta' assigurazzjoni għandu jkun suġġett għall-istess sistema legali. Permezz ta' dan, mhux biss jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku tas-servizzi ta' assigurazzjoni iżda wkoll

[37] Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 28). Ara wkoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* (C-542/16, EU:C:2018:369, punt 42).

[38] Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 29).

[39] Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 27).

[40] Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 30).

jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat, kif jirriżulta mill-premessa 9 tad-Direttiva 2002/92 u l-premessa 5 tad-Direttiva 2016/97, it-trattament ugwali tal-kategoriji kollha ta' intermedjarji tal-assigurazzjoni [41].

104. Fl-assenza ta' differenzi funzjonali suffiċjentement sinjifikattiv bejn il-konklużjoni ta' kuntratt individwali ta' assigurazzjoni u l-adeżjoni għal assigurazzjoni ta' grupp, li huwa ta' natura individwali u volontarja [42] ma hemm ebda raġuni għalfejn terzi involuti fil-konklużjoni tal-ewwel kuntratti għandhom jiġu kkunsidrati bħala intermedjarji tal-assigurazzjoni filwaqt li l-persuni involuti fl-organizzazzjoni tal-adeżjoni tat-tieni tip ta' kuntratti ma jiġux ikkunsidrati bħala tali intermedjarji. *De facto*, dawn il-persuni jipproponu, mill-perspettiva tal-benefiċjarji tal-kopertura ta' assigurazzjoni, prodott ta' assigurazzjoni kompetitur.

105. Fir-rigward tal-għan li titjieb il-protezzjoni tal-konsumaturi, fid-dawl tar-riskji li jistgħu jaffaċċjaw persuni f'sitwazzjoni li jaderixxu jew li jixtiequ jaderixxu għal assigurazzjoni ta' grupp b'adeżjoni volontarja u li ma hijiex differenti mit-theddid preżenti fis-sitwazzjoni tradizzjonali ta' konklużjoni ta' kuntratt individwali tal-assigurazzjoni, it-twettiq ta' dan l-għan jirrikjedi li l-organizzatur tal-grupp li jikkonkludi kuntratt ma' assiguratur jista' minn tal-inqas jiġi ttrattat bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni". It-triq tinfetaħ permezz tas-suppożizzjoni li, fid-dawl ta' interpretazzjoni teleoloġika, l-attività li tagħti lok għall-possibbiltà tal-adeżjoni individwali u volontarja għall-assigurazzjoni ta' grupp tista' titqies bħala "konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" skont it-tifsira tal-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" tad-Direttiva 2002/92 u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" tad-Direttiva 2016/97.

106. Il-konklużjonijiet ċari li jirriżultaw minn interpretazzjoni sistemika [43] u teleoloġika [44] jippermettu li jitqies li anki l-adeżjoni individwali u volontarja tal-assigurazzjoni ta' grupp bl-involviment tal-organizzatur tal-grupp minn persuna li tiffinanzja indirettament primjum ta' assigurazzjoni tikkostitwixxi "konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni" fis-sens tad-definizzjoni tal-kunċetti ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni".

107. Għad irid jiġi eżaminat jekk il-fatt li tali organizzatur tal-grupp jiġi kkunsidrat bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" jistax jiġi preklużbil-fatt li fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni huwa jitqies bħala entità li tidħol fir-rwol ta' "detentur tal-polza".

3. L-intermedjarju bħala entità esterna għar-relazzjoni li tirriżulta mill-kuntratt ta' assigurazzjoni

108. B'riferiment għall-konstatazzjonijiet tal-qorti tat-tieni istanza li ma humiex ikkontestati fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-konvenuta fil-kawża prinċipali hija "detentur tal-polza". Hija tħallas il-primjums dovuti lill-assiguratur. Il-membri tal-grupp iħallsulha remunerazzjoni għall-kopertura ta' assigurazzjoni pprovduta.

109. F'dan l-istadju, tqum il-mistoqsija dwar jekk id-Direttivi 2002/92 u 2016/97 jirrikjedux li l-"intermedjarju ta' assigurazzjoni" jkun terza persuna fir-rigward tar-relazzjoni ġuridika li minnha tirriżulta l-kopertura ta' assigurazzjoni. Fil-qafas ta' din il-kawża l-mistoqsija essenzjalment hija jekk fil-każ tal-assigurazzjoni ta' grupp il-fatt li l-organizzatur tal-grupp jitqies

41 Ara sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 29).

42 Ara l-punti 89 u 99 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 Ara l-punt 100 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 Ara l-punti 103 u 105 ta' dawn il-konklużjonijiet.

bħala "detentur tal-polza" fid-dawl tal-klassifikazzjoni adottata fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali tal-assigurazzjoni applikabbli jipprekludix il-possibbiltà li dan l-organizzatur tal-grupp jiġi kkunsidrat bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" skont it-tifsira taż-żewġ direttivi.

110. Bħala tfakkira, mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jidher li jirriżulta li din hija l-pożizzjoni prevalenti fil-ġurisprudenza u fid-duttrina Ġermaniża [45] anki jekk din il-qorti tinnota wkoll l-approċċ dottrinali li tmur fid-direzzjoni opposta u li tippermetti li l-organizzatur tal-grupp tal-assigurazzjoni b'adeżjoni volontarja jiġi kkunsidrat bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" [46].

111. L-assoċjazzjoni rikorrenti, il-Gvern Ġermaniż u Taljan kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea jidhru li jiffavorixxu dan it-tieni approċċ dottrinali u jadottaw il-pożizzjoni, essenzjalment, li organizzatur tal-grupp tal-assigurazzjoni b'adeżjoni volontarja li jaġixxi b'korrispettiv ta' remunerazzjoni jista' jiġi kklassifikat bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni".

112. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Ċek jirrileva, b'mod partikolari [47], li l-"intermedjarju tal-assigurazzjoni" għandu jkun entità esterna ("terza persuna") fir-rigward tal-kuntratt ta' assigurazzjoni. Dan il-Gvern iżid li s-sempliċi fatt li l-konvenuta fil-kawża prinċipali tiġi rremunerata mill-klijenti tagħha ma jfissirx li hija topera "b'korrispettiv ta' remunerazzjoni".

113. F'dan l-ispirtu tinżamm fis-seħħ il-pożizzjoni tal-konvenuta fil-kawża prinċipali. Favur din il-pożizzjoni jimmilitaw il-premessi 11 tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97 li jiddikjaraw li "[id-Direttivi għandhom japplikaw] għal persuni li l-attività tagħhom tikkonsisti fil-provista ta' servizzi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni [distribuzzjoni tal-assigurazzjoni] lil partijiet terzi [...]".

114. Fil-fehma tiegħi, is-sempliċi formulazzjoni ta' dawn il-premessi ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġu mwieġba d-dubji tal-qorti tar-rinviju. Huma jikkostitwixxu parti mhux leġiżlattiva tad-Direttiva. Madankollu, il-kelma "medjazzjoni" nnifisha essenzjalment tidher li tiddeskrivi attività li tikkonsisti b'mod partikolari fil-fatt li tal-inqas żewġ entitajiet "interni" jiġu assoċjati, fis-sens legali, mal-persuna tal-intermedjarju nnifsu.

115. Madankollu, fil-kuntest tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97, din tirrigwarda l-assoċjazzjoni tal-"klijenti" u tal-"impriżi ta' assigurazzjoni" ma' xulxin [48].

116. Fl-istess waqt, ma jidhirx li huwa xieraq li jiġu ekwiparati awtomatikament il-kunċetti ta' "klijent" u ta' "detentur tal-polza" u fuq din il-bażi tiġi kull darba eskluża persuna kkunsidrata bħala "detentur tal-polza" taħt id-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni miċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jkunu "intermedjarju tal-assigurazzjoni".

117. L-ewwel, ma huwiex b'mod każwali li l-leġiżlatur tal-Unjoni juża l-kunċett ta' "klijent" fil-kuntest taż-żewġ direttivi u f'dan ir-rigward ma jagħmilx espressament riferiment għad-dritt nazzjonali jew għall-klassifikazzjonijiet legali adottati fuq il-bażi tiegħu.

[45] Ara l-punti 56-59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[46] Ara l-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[47] Ara wkoll il-punt 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[48] Barra minn hekk, tali konklużjoni tirriżulta diġà mid-definizzjoni tal-kunċetti li l-interpretazzjoni tagħhom qiegħda tintalab mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, mit-tielet subparagrafu tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 jista' jiġi dedott li l-"medjazzjoni ta' assigurazzjoni" hija orjentata lejn il-fatt li "l-klijent jiġi assistit". Din id-dispożizzjoni tipprovdi li "[i]l-provvista ta' informazzjoni fuq bażi inċidentali fil-kuntest ta' attività professjonali oħra *sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx li l-klijent jiġi assistit* fil-konklużjoni jew twettieq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni [...] m'għandhomx jitqiesu bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni". Enfasi miżjuda minni. Sitwazzjoni simili tirriżulta mid-definizzjoni ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" li tinsab fid-Direttiva 2016/97.

118. It-tieni, f'sentenza reċenti l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li f'assigurazzjoni kollettiva fuq il-ħajja marbuta ma' fond ta' kapital tal-assigurazzjoni l-"impriża detentriċi tal-polza" li, jekk tiġi applikata t-terminoloġija użata f'dawn il-konklużjonijiet, hija l-organizzatur tal-grupp, hija suġġetta għal ċerti obbligi li jirriżultaw mill-klassifikazzjoni tagħha bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fid-dawl tad-Direttiva 2002/92 "intemedjarju tal-assigurazzjoni" [49].

119. It-tielet, *a priori*, bħala prinċipju jista' jidher li l-kunċett ta' "klijent" għandu ċerta rabta mal-kunċett ta' "detentur tal-polza".

120. Madankollu, fis-sens tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97, il-kunċett ta' "klijent" għandu jinkludi wkoll il-persuni li huma kkonċernati biss fil-kisba tal-istatus ta' "detentur tal-polza". Fid-dawl tad-definizzjonijiet ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni", dawn il-kunċetti jinkludu wkoll l-attivitajiet imwettqa qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni. F'dan is-sens tinqata' l-konnessjoni li għandha teżisti bejn il-kunċetti ta' "klijent" u ta' "detentur tal-polza". Dan huwa iktar u iktar minnu meta wieħed iqis li l-kunċett ta' "detentur tal-polza" li b'ebda mod ma jirriżulta fid-Direttiva 2002/92, jintuża b'mod inkonsistenti fid-Direttiva 2016/97, bħala prinċipju esklużivament f'kuntest speċifiku, dak ta' "detenturi tal-polza potenzjali (Artikolu 2(2)(c) u (d)). Dan jidher ukoll, b'inkonsistenza simili, fl-anness ta' din id-direttiva, fil-kuntest tad-deskrizzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' għarfien u ta' kompetenzi meħtieġa mill-intermedjarji tal-assigurazzjoni.

121. Ir-raba', huwa minnu li, fis-sentenza EEAE *et* [50], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għan tad-Direttiva 2002/92 (u għalhekk, *a fortiori*, tad-Direttiva 2016/97) huwa "li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fis-suq tal-assigurazzjoni, jiġifieri, tal-persuni assigurati". Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja użat hawnhekk il-kunċett ta' "konsumatur" u mhux dak ta' "klijent". Minn din il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma jirriżulta li l-għan tad-Direttiva ma hijiex il-protezzjoni ta' persuni oħra minbarra d-"detenturi tal-polza". Barra minn hekk, fis-sentenza Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* [51], mogħtija wkoll fil-kuntest tad-Direttiva 2002/92, billi ddefinixxiet il-"kuntratt ta' assigurazzjoni" li għalih tirreferi l-attività ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għall-kunċett ta' "tranżazzjoni ta' assigurazzjoni" li min-natura tiegħu jfisser "l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur tas-servizz ta' assigurazzjoni u l-persuna li r-riskji tagħha jkunu koperti mill-assigurazzjoni, jiġifieri l-assigurat".

122. Għalhekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-konfigurazzjonijiet suġġettivi li jirriżultaw fil-kuntest tal-assigurazzjoni huma ta' spiss kumplessi u kkaratterizzati bil-preżenza ta' ħafna persuni, liema konfigurazzjonijiet jaffettwaw is-sitwazzjoni ġuridika tagħhom fil-qasam tal-assigurazzjoni. Għalhekk xi drabi s-suppożizzjoni li kunċett speċifiku tad-dritt tal-Unjoni suġġett għal armonizazzjoni permezz tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97 għandu jikkorrispondi għal kunċett tad-dritt tal-assigurazzjoni, li l-armonizzazzjoni tiegħu f'dan il-qasam ma hijiex koperta jew minn tal-inqas ma hijiex koperta l-armonizzazzjoni mogħtija permezz ta' dawn id-direttivi, jista' jagħti lok għal riżultati li diffiċilment jistgħu jiġu kkonċiljati mal-għanijiet ta' dawn id-direttivi.

[49] Ara s-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, A *et* (Kuntratti ta' assigurazzjoni marbuta ma' unitajiet) (C-143/20 u C-213/20, EU:C:2022:118, punti 87 u 91).

[50] Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, EEAE *et* (C-555/11, EU:C:2013:668, punt 30).

[51] Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Länsförsäkringar Sak Försäkringsaktiebolag *et* (C-542/16, EU:C:2018:369, punt 50).

123. Il-ħames, it-teżi li hemm rabta stretta bejn il-klassifikazzjoni bħala "detentur tal-polza" fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-assigurazzjoni li ma jittrasponux id-Direttivi 2002/92 u 2016/97, minn naħa, u bħala "klijent" taħt dawn id-direttivi, min-naħa l-oħra, ikollu jqajjem ulterjorment dubji serji fil-kuntest tal-assigurazzjoni ta' grupp. Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet ifformulati fil-punti 60 u 69 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kwistjoni nnifisha tal-klassifikazzjoni tal-entitajiet involuti fir-relazzjonijiet maħluqa fil-kuntest tal-assigurazzjonijiet tal-grupp hija problematika u tqajjem diversi dubji kemm fir-rigward tal-kostruzzjoni ġuridika nnifisha kif ukoll tal-qafas terminoloġiku. Ma huwiex stabbilit b'mod ċar li fl-assigurazzjoni ta' grupp permezz ta' adeżjoni obbligatorja huma l-membri tal-grupp li jiġu ttrattati bħala "detentur tal-polza" u mhux l-organizzatur tal-grupp. Il-klassifikazzjoni tal-kuntratt konklużż mill-organizzatur tal-grupp mad-detentur tal-polza hija wkoll ambigwa. Fil-fatt, id-distinzjoni bejn l-assigurazzjoni ta' grupp permezz ta' adeżjoni obbligatorja u l-assigurazzjoni ta' grupp permezz ta' adeżjoni volontarja tikkostitwixxi pjuttost tentattiv sabiex tiġi proposta kostruzzjoni ġuridika li tikkjarifika l-funzjonament tal-assigurazzjoni ta' grupp li huwa riżultat tal-prattika, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata l-protezzjoni tal-entitajiet li jibbenefikaw mill-kopertura tal-assigurazzjoni.

124. Il-klassifikazzjoni ta' entitajiet speċifiċi involuti fir-relazzjonijiet li jitwieldu fil-kuntest tal-assigurazzjoni ta' grupp ("detentur tal-polza", "membru tal-grupp", eċċ.) ma tistax għalhekk tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi konformement mal-konklużjonijiet misluta mill-interpretazzjoni sistemika u teleoloġika tagħhom f'dak li jirrigwarda l-kunċetti ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" jew ta' "klijent".

125. Is-sitt, fir-rigward ta' din il-kawża, ma jistax jiġi eskluż li, fid-dawl tal-kumplessità tal-konfigurazzjonijiet personali kollha li jirriżultaw fil-kuntest ta' assigurazzjoni ta' grupp, il-kunsiderazzjoni tal-konvenuta fil-kawża prinċipali min-naħa tal-qorti tar-rinviju bħala "detentur tal-polza" tirriżulta parzjalment mill-fatt li fil-proċedura ta' reviżjoni din hija marbuta minn konstatazzjonijiet mhux ikkontestati tal-qorti tat-tieni istanza.

126. Min-naħa l-oħra, is-sempliċi fatt li l-qorti tar-rinviju tippermetti l-possibbiltà li tingħata risposta għad-domanda preliminari fi spirtu ta' opinjoni minoritarja ta' parti minn duttrina jista' jfisser li l-ipoteżi li l-konvenuta kienet "detentur tal-polza" taħt id-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni ma jipprekludix l-ipoteżi li l-konvenuta ma hijiex "klijent" fil-kuntest tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97, iżda għandha titqies bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni". Fir-replika tagħha magħmula waqt is-seduta l-konvenuta fil-kawża prinċipali barra minn hekk indikat li hija ma hijiex "konsumatur tal-kuntratt ta' assigurazzjoni", anki jekk hija ffirmat dan il-kuntratt u taġixxi bħala detentur tal-polza fir-relazzjoni tagħha mal-assiguratur.

127. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2002/92 u 2016/97 għandhom jiġu interpretati fis-sens li organizzatur tal-grupp meqjus bħala "detentur tal-polza" għall-ħtiġijiet tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-assigurazzjoni li ma jittrasponux dawn id-direttivi jista' jitqies bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" fis-sens ta' dawn id-direttivi jekk iwettaq attivitajiet ta' "intermedjarju tal-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" b'korrispettiv "ta' remunerazzjoni".

128. Fir-rigward tad-dubji espressi f'dan ir-rigward mill-Gvern Ċek għandu sempliċement jiġi enfasizzat li fiż-żewġ Direttivi l-kunċett ta' "remunerazzjoni" għandu jinftiehem b'mod wiesa'[52]. Madankollu, għandu jitfakkar li persuna li twettaq tranżazzjonijiet li jaqgħu kompletament taħt

[52] Ara l-premessa 11 tad-Direttiva 2002/92 u l-punt 9 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97.

id-definizzjonijiet ta' "medjazzjoni fl-assigurazzjoni" u ta' "distribuzzjoni tal-assigurazzjoni" ma tistax titqies bħala "intermedjarju tal-assigurazzjoni" u ma jistgħux jiġu imposti fuqha obbligi relatati miegħu meta hija ma twettaqx dawn l-attivitajiet b'korrispettiv "ta' remunerazzjoni".

129. Fid-dawl tal-konklużjonijiet misluta mill-analiżi dwar id-dubji tal-qorti tar-rinviju li jirrigwardaw "l-adeżjoni għall-assigurazzjoni ta' grupp"[53] u dawk misluta mill-analiżi dwar il-pożizzjoni tal-intermedjarju barra mir-relazzjoni ta' assigurazzjoni[54], nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari: il-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 kif ukoll il-punti 1, 3 u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2016/97 għandhom jiġu interpretati fis-sens li fid-dawl ta' dawn id-direttivi "intermedjarju tal-assigurazzjoni" hija persuna fiżika jew ġuridika li fil-kuntest tal-assigurazzjoni ta' grupp tassigura lill-klijenti tagħha għar-riskju ta' mard jew ta' inċident waqt vjaġġ barra mill-pajjiż kif ukoll għall-ispejjeż ta' trasport nazzjonali u ta' trasport internazzjonali lejn il-post ta' residenza, tippermetti lil dawn il-persuni l-affiljazzjoni li permezz tagħha jkunu intitolati li jibbenefikaw mis-servizzi ta' assigurazzjoni fil-każ ta' mard jew ta' inċident barra mill-pajjiż u tirċievi remunerazzjoni mill-affiljati għall-kopertura ta' assigurazzjoni miksuba, liema affiljati indirettament iħallsu l-primjum ta' assigurazzjoni. Din il-klassifikazzjoni ma tiġix prekluża bil-fatt li din il-persuna titqies bħala "detentur tal-assigurazzjoni" fid-dawl tad-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni.

V. Konklużjoni

130. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja):

Il-punti 3 u 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/92 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni, kif ukoll il-punti 1, 3 u 8 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li fid-dawl ta' dawn id-direttivi "intermedjarju tal-assigurazzjoni" hija persuna fiżika jew ġuridika li fil-kuntest tal-assigurazzjoni ta' grupp tassigura lill-klijenti tagħha għar-riskju ta' mard jew ta' inċident waqt vjaġġ barra mill-pajjiż kif ukoll għall-ispejjeż ta' trasport nazzjonali u ta' trasport internazzjonali lejn il-post ta' residenza, tippermetti lil dawn il-persuni l-affiljazzjoni li permezz tagħha jkunu intitolati li jibbenefikaw mis-servizzi ta' assigurazzjoni fil-każ ta' mard jew ta' inċident barra mill-pajjiż u tirċievi remunerazzjoni mill-affiljati għall-kopertura ta' assigurazzjoni miksuba, liema affiljati indirettament iħallsu l-primjum ta' assigurazzjoni. Din il-klassifikazzjoni ma tiġix prekluża bil-fatt li din il-persuna titqies bħala "detentur tal-assigurazzjoni" fid-dawl tad-dritt nazzjonali tal-assigurazzjoni.

[53] Ara l-punt 106 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[54] Ara l-punt 127 ta' dawn il-konklużjonijiet.